

**Dispożittiv**

(1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.

(2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 272, 25.10.2008.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Ġunju 2010 —  
Mauerhofer vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-515/08) (<sup>1</sup>)

*(“Kuntratt qafas multiplu ‘Commission 2007’ — Reklutaġġ ta’ esperti fil-kuntest tal-azzjonijiet marbuta mal-għajnuna mogħtija lil pajjiżi terzi — Kompiti ta’ kompetenza — Miżura tal-Kummissjoni dwar in-numru ta’ ġranet fatturabbli pprovduti — Rikors għal annullament — Nuqqas ta’ att li jista’ jiġi kkontestat — Inammissibbiltà — Rikors għad-danni — Rabta kawżali — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)*

(2010/C 221/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Volker Mauerhofer (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentanti: J. Schartmüller, avukat)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: S. Boelaert, aġent)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tal-ordni ta’ servizz tal-Kummissjoni, tad-9 ta’ Settembru 2008, li temenda l-kuntratt speċifiku 2007/146271, konkluż bejn il-Kummissjoni u l-kuntrattur ewlieni responsabbli mill-proġett “Value Chain Mapping Analysis”) imwettaq fil-Bożnija u l-Herżegovina, li tnaqqas in-numru ta’ ġranet ta’ xogħol maħduma mir-rikorrent, abbażi tal-kuntratt li jorbtu mal-imsemmi kuntrattur ewlieni, li dan tal-aħħar seta jiffattura lill-Kummissjoni, kif ukoll, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Volker Mauerhofer huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 44, 21.2.2009.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta’ Ġunju 2010 — Biocaps  
vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-24/09) (<sup>1</sup>)

*(“Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Deċiżjoni li tordna spezzjoni — Artikolu 20(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Eżistenza tad-destinatarju tad-deċiżjoni — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)*

(2010/C 221/73)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Biocaps (Orsay, Franza) (rappreżentanti: Y.-R. Guillou, H. Speyart van Woerden u T. Verstraeten, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet u É. Gippini Fournier, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 6524, tad-29 ta’ Ottubru 2008, fil-Każ COMP/39510, li tordna lil Laboratoire Champagnat Desmoulins Philippakis, kif ukoll lill-entitajiet kollha kkontrollati direttament jew indirettament minnha, sabiex jissottomettu ruħhom għal spezzjoni skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, tas-16 ta’ Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.

(2) Biocaps għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(<sup>1</sup>) ĠU C 55, 7.3.2009.